**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 23**

IT-TLIETA 25 TA' MEJJU 2010 FIT-3.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 22 ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati wara li ġew emendati.

Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI MILL- MINUTI

i Il-Kunsill ġie nfurmat li għad m'hemm l-ebda risposta mill-Awtorita' tad-Djar dwaril-Blokk E1.

ii Il-Kunsill ġie nfurat li nkitbet ittra lill-Kunsill ta' Dartmouth dwar il-possibilta' ta' ġemellaġġ ma din il-Lokalita'.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-GreenMT għadhom ma waslulhomx il-bins tas-separazzjoni biex jitpoġġew fix-Xatt. Il-Kunsill qabel li nkellmu l-Kuntrattur li mingħandu nxtraw il-bins l-oħra biex inżiedu l-ammont li hemm fix-Xatt kif ukoll jitpoġġew oħrajn fit-toroq prinċipali. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġideb l-attenzjoni li l-Kuntrattur li jnaddafhom mhux qed jagħlaq l-għotjin wara li dawn jiġu mnaddfa.

iv Is-Sindku nfurmat li l-iskeda tal-Kuntratt tal-Knis qed tiġi riveduta. Hija nfurmat ukoll li kellha laqgħa kemm mal-Kuntrattur kif ukoll mal-Contract Manager dwar din il-materja.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II MOZZJONIJIET

### i Mozzjoni Numru10

**Suġġett:** **Pelican Lights fiz-Zebra Crossing go Triq A. Rigord u Triq Principessa Margerita**

**Proposta minn** **E. Muscat**
**Issekondata minn** **A. Cachia Castelletti**

Is-Sindku qalet li hi taqbel fil-principju mal-mozzjoni pero' ipproponiet li l-azzjoni tittiehed separatament fuq kull kaz peress li ghad m'hemmx qbil dwar it-traffic management fi Triq il-Prinċipessa Margerita. Hija pprooniet emenda għal mozzjoni peress li l-każ ta' Abate Rigord huwa urġenti. Din ġiet issekondata mill-Viċl Sindku A. Farrugia u l-Kunsillier F. Roe. Il-Kunsill iddiskuta l-emenda u din għaddiet b'vot unanimu.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li jressaq mozzjoni b'urġenza kif jidher hawn taħt: Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

**Suġġett:** **Pelican Lights u Zebra Crossing fi Triq il-Prinċipessa Margerita**

**Proposta minn** **A. Cachia Castelletti**
**Issekondata minn** **A. Vassallo, E. Muscat**

**"This council resolves that a zebra crossing in Princess Margaret Street together with Pelican Lights should be installed as soon as possible."**

Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni u din għaddiet b'vot unanimu.

Antoinette Vassallo Marisa Pisani
Sindku Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kuntrattur Crème Caramel talab li minflok Garanzija Bankarja jagħmel depożitu mal-Kunsill fuq is-servizzi tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din hija kwotazzjoni u mhux tender u għalhekk il-Kunsill qabel dan jaghmel depożitu ta' Euro150.

ii Il-Kunsill qabel li fl-okkażjoni ta' Jum Ta' Xbiex issir quddiesa, riċeviment u l-għotja ta' Ġieh Ta' Xbiex. Ġie deċiż ukoll li l-ġieh jingħata lil ex kunsillieri A. Farrugia u M. Vassallo kif ukoll lit-Tabib A. Bonnici u l-ex Kappillan Fr. Victor Mallia.

iii Is-Sindku nfurmat li l-Kumitat Konġunt ġie nkorporat fir-Reġjun pero' għalissa xorta għadu qed jaħdem kif kien qabel. Hija qalet li fil-jiem li ġejjien se jsiru l-interviews għas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun

iv Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li fit-Toroq E. Galizia, Enrico Mizzi u G. Mitrovich m'hemmx ipparkjar għar-residenti. Is-Sindku qalet li fi Triq E. Galizia ma jistax isir peress li din it-Triq hija dejqa. Hija kompliet li fi Triq G. Cali' saru ħafna bays biex ikopru wkoll dawn it-toroq. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lil ADT dwar din il-materja .

v Il-Kunsillier E. Muscat ġibed l-attenzjoni li tal-ELC meta jkunu qed jaħartu s-soft areas mhux qed jitfu l-mutur biex imorru minn waħda għal oħra b'konsegwenza li qed ikissru l-kurduna ta' madwar il-ħwat. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tkellem lil kuntrattur dwar dan.

**Il-laqgħa spiċċat fis-6.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2010 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv